**PRESS RELEASE - SEMINAR DWAR WAĦDA MILL-MIZURI TAL-PJAN GĦAL-IŻVILUPP RURALI.**

Il-Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali George Pullicino, flimkien ma' Dott. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, indirizzaw seminar organizat mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, il-MEUSAC u l-Bank of Valletta, dwar waħda mit-tmintax-il miżura għas-settur agrikolu mill-programm għal-iżvillupp rurali għas-snin 2007 - 2013.

Fiż-żminijiet tal-lum, aktar minn qatt qabel, l-użu tal-Pariri Tekniċi għas-settur Agrikolu huwa ta' importanza ewlenija. B'dan il-ħsieb il-Gvern ħaseb biex fil-Pjan għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 idaħħal f'dan il-programm miżura biex tiġi strutturata din il-Fergħa biex tagħti tagħrif u pariri għas-settur primarju agrikolu.

Il-Ministru Pullicino qal li fost it-tmintax-il miżura li hemm f'dan il-Pjan hemm il-miżura 114 indirizzata biex il-bidwi jkollu l-għodda neċessarja biex jaġġorna ruħu ma' innovazzjonijiet f'dan is-settur, jagħraf sistemi ġodda ta' produzzjoni u jkollu aċċess għal kull parir relatat li jista' jkun utli għall-bdiewa. Fuq kollox dan jorbot biex il-bidwi u r-raħħal ikunu konformi mar-regoli tal-UE. Din il-miżura għandha €3 miljun li €2.25 miljun minnhom ġejjin mill-Unjoni Ewropea filwaqt li €750,000 ġejjin mill-Gvern Malti.

Il-Ministru Pullicino spjega li din il-miżura għandha l-iskop li tgħin lill-bdiewa jagħmlu użu mill-Fergħa tal-Pariri Tekniċi (Farm Advisory Service), fuq numru ta' prinċipji, prinċiparjament li tgħin u tinkoraġġixxi lill-bdiewa biex jagħmlu użu minn din il-fergħa, tgħin fin-nefqa għal spejjeż tal-pariri li jingħataw, ittejjeb l-effiċjenza fuq il-*farm*, tiżdied il-vijabilità, tgħin lill-bdiewa jkunu konformi ma' *standards* ġodda ta' ħarsien tal-ambjent, sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll *standards* marbuta mal-iġene u s-saħħa tal-annimali.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said sostna li din il-miżura tindirizza l-bżonn li l-azjendi agrikoli Maltin għandhom biex itejbu l-operat tagħhom ħalli b'hekk ikunu jistgħu jlaħħqu ma' żviluppi u tekniċi ġodda li jżidu kemm l-effiċjenza kif ukoll il-vijabilità ekonomika. Dan iwassal għal tkabbir fil-kompetittività fl-agrikoltura Maltija. Hemm il-ħtieġa li l-bdiewa jibdew jaddattaw il-prattiċi tagħhom biex jibdew jimxu ma' *standards* ġodda ta' ħarsien tal-ambjent, sigurtà fuq il-post tax-xogħol, indafa u kura tal-annimali. Waħda mill-għanijiet tal-miżura hi li tgħin lil bdiewa biex jagħmlu użu minn prattiċi sostenibbli sabiex inaqqsu l-impatt tal-agrikoltura fuq l-ambjent, temm jgħid l-Onor. Said.

**DOI - 19.03.09**